# Il-Leġġenda



*kitba ta'*
*Louis Fenech*

Il-leġġenda hija rakkont, ħafna drabi f'għamla ta' poeżija, li tirrakkonta ġrajja jew personaġġ. Il-leġġenda hija parti mill-kultura u l-ħajja tagħna, ta' poplu huwa minn fejn huwa, u huma marbutin ma' knejjes jew kappelli u anke ma' għerien, u ħakkiema ta' poplu, kif minn dejjem konna aħna l-Maltin. Il-leġġenda tista' tkun ġrajja, jew parti minnha, li kienet seħħet. Fil-bidu din kienet għaddiet permezz tal-kelma minn ġenerazzjoni għall-oħra, u sakemm tasal għandek – u kif dejjem jiġri – tingħata ħafna kulur u titwal xi ftit ukoll, b'xi żidiet li tieħu minn post għall-ieħor. Iżda l-istorja tagħha dejjem tibqa' dik li hi.

U meta nsemmu l-leġġendi wieħed ma jistax ma jsemmix li Patri Ġużi Delia, Ġiżwita li tana bosta leġġendi sbieħ. L-ewwel darba li ltqajt ma' ġabra ta' leġġendi ta' dan l-awtur kien fil-ktieb li kien ħareġ fl-1972, li kien fih għaxar leġġendi li hemm minnhom li jnisslulek daħka, kif ukoll xi demgħa. Iżda meta tibda l-ewwel strofi tar-rakkont, ikollok bilfors tibqa' taqraha sal-aħħar vers. Il-leġġenda ta' P. Delia għandha rabta qawwija mar-reliġjon. Infatti Patri Delia hekk kiteb fit-tieni edizzjoni ta' *Leġġendi*, f'paġna 2:

*L-aktar li tħajjart nissokta nikteb il-leġġendi, mhux biss għax sibthom u swewli dejjem bħala mistrieħ tal-moħħ, imma l-aktar għax rajt li jistgħu jkunu ta' fejda jew ta' ġid għal kulħadd. Għax il-leġġenda bħall-parabbola, dejjem issib xi ħaġa x'titgħallem minnha... Nittama li barra l-gost letterarju li jagħtu dawn il-leġġendi, ikunu jiswew ukoll ta' tagħlim għal kulħadd u ta' għajnuna biex wieħed iħobb lil Alla u lil għajru.*

Il-karattri, jew personaġġi li jiddominaw il-leġġendi huma varji u waqt li wieħed ikun qed jaqra l-leġġenda jista' jħobbhom jew jitħassarhom jew inkella jobgħodhom ukoll. Eżempju ta' dan hemm ħafna. Niggustaw u nammiraw li San Ġużepp fil-leġġenda fejn l-awtur jiddeskrivi tajjeb kif iżomm kelmtu ma' dawk li jitolbuh l-għanuna tiegħu. Naraw il-ħruxija tat-Torok fil-"*Leġġenda tal-Wied tal-Isperanza*" meta f'kull wieħed mill-isbark li kienu għamlu, kienu jieħdu ħafna Maltin ilsiera. Tfajla li taħrab u tinsab f'għar fil-Wied tal-Isperanza. Hija talbet l-għajnuna lill-Madonna, u meta t-Torok waslu fejn il-għar ma daħlux, għaliex għanqbuta kbira għattiet id-daħla ta' dan l-għar. U minn qatt ma sema' bi Żgugina? Jew bil-leġġenda ta' San Dimitri? Din hija leġġenda Għawdxija. Leġġenda li wkoll tirrakkonta l-ħruxija tat-Torok. Din l-armla Żgugina kienet tgħix fl-Għarb il-ġewwa, ma' binha uniku Pawlu, qrib il-knisja ddedikata lill-qaddis S. Dimitri. F'wieħed mill-inżul tat-Torok f'Għawdex, dawn bħalma jagħmlu Malta kienu jħarbtu u jaħarqu minn fejn kienu jgħaddu u jieħdu lsiera ħafna nisa, tfal u żgħażagħ Maltin. Wieħed minn dawn l-ilsiera kien propju t-tifel ta' din Żgugina. U wara li daħlu f'darha, sawwtuha u serqulha lill binha Pawlu. Tgħidx kemm bkiet u għelet tant li marret il-knisja u talbet lil San Dimitri jgħinha. U wegħditu qasba żejt kuljum jekk iġibilha lura lil Pawlu. U Dimitri, li kien riekeb fuq żiemel, qabeż mill-inkwatru u lebbet fuq il-baħar sakemma ma deherx iżjed. Ma damx ma ġie lura u miegħu Pawlu. U tgħidx kemm ferħet li malajr marret tixtri ż-żejt u xegħlet il-lampa kif wegħditu. Għadda ż-żmien u dil-knisja nbelgħet mill-qilla tal-baħar f'waħda mit-tempesti li kien hemm. Jingħad li s-sajjieda billejl kienu josservaw il-knisja bla mittiefsa u dawl ħiereġ minn – il-lampa taż-żejt li xegħlet Żgugina.

U tajjeb li nispiċċa dan ir-rakkont qasir fuq il-leġġendi b'waħda li għandna aħna ta' Ħal Lija. Il-kappella tal-Belliegħa jingħad li ġġib dan l-isem ma' leġġenda. Jingħad li Santu Kruċ, qabel kienet festa obbligatorja, fejn wieħed kien obbligat jisma' l-quddies u jistrieħ mix-xogħol. U dawk iż-żminijiet dawn l-obbligi kienu jinżammu strettament. F'għalqa wara din il-kappella kien hemm bidwi li kien qed jagħmel xi xogħol. U ddeċieda li ma setax iħalli kollox għal għada. Għalhekk iddeċieda li f'dan il-jum kellu jkompli u jispiċċa dak li kien qed jagħmel. Iżda jidher li meta kien qed jaħrat l-għalqa infetħet l-art u belgħet kemm lilu kif ukoll il-bhejjem.

Min iħobb il-poeżija għandu jara kif jakkwista kopja ta' dawn il-leġġendi. Kien hemm oħrajn li wkoll ħarbxu xi leġġendi. Biex insemmi tnejn tajjeb wieħed ifittex kitbiet ta' Gwido Lanfranco u Joseph Sciberras. Hemm aktar awturi li kitbu xi waħda jew tnejn. Nassigurak, int li qrajt dawn l-erba' kellmiet tiegħi, li jekk tibda taqra dawn il-leġġendi, tispiċċa biex taqra l-ktieb kollu sa ma tasal fl-aħħar paġni tiegħu.